MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 123/2005/1

**Joseph Cassar Aveta**

**vs**

**Citadel Insurance p. l. c.**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Lulju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-7 ta' Marzu, 2005, fejn wara li ppremetta illi permezz ta' avviz intavolat quddiem dina l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Marzu, 2000, Avviz Numru 330/00SM, is-socjeta' assiguratrici konvenuta talbet sabiex l-attur jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tliet mija u erbatax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm314.16) allegatament rapprezentanti l-prezz ta' "premiums" dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga

fuq ordni u inkarigu ta’ l-attur (allura konvenut) kif spjegat permezz ta’ l-istatement esebit bhala dokument “A”, bl-imghax mill-20 ta’ April, 1999;

Illi tali avviz qatt ma gie notifikat lill-attur odjern, u jidher mir-riferta li gie notifikat f’indirizz fejn l-attur kien ghamel zmien joqghod, imma fejn ma kienx ghadu joqghod fiz-zmien li saret ir-riferta in kwistjoni;

Illi ghalkemm fuq il-*pink slip* tal-Maltapost hemm indikat li l-atti gew ricevuti minn certu “Cassar Aveta” b’numru ta’ identita’ 439921(M), fil-fatt ma jezisti l-ebda Cassar Aveta f’Malta jew f’Ghawdex li ghandu tali karta ta’ l-identita’ u l-firma hija injota ghall-attur odjern;

Illi t-talbiet tas-socjeta’ konvenuta f’kawk il-proceduri gew milqugha permezz ta’ sentenza datata s-26 ta’ Settembru, 2000 fil-kontumacja ta’ l-allura konvenut, minghajr ma l-istess konvenut kien debitament notifikat;

Illi l-attur odjern sar jaf b’dawk il-proceduri meta gie notifikat fis-6 ta’ Dicembru 2004, fl-okkazjoni ta’ l-ezekuzzjoni ta’ mandat ta’ qbid ezekuttiv mahrug fuq talba tas-socjeta’ konvenuta, liema mandat din id-darba gie ezegwit fl-indirizz ta’ l-attur odjern;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attur ghandu nteress sabiex il-kawza fl-ismijiet inversi Avviz Numru 330/00SM tigi ritrattata u mismugha mill-gdid;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara li l-avviz fl-ismijiet *Citadel Insurance p.l.c. vs Joseph Cassar Aveta*, Avviz Numru 330/00SM, ma giex notifikat skond il-ligi, u li ghalhekk hemm lok ghar-ritrattazzjoni tieghu ai termini tas-subinciz (b) ta’ l-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Citadel Insurance p.l.c. fejn eccepiet:

Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante li t-talba ghar-ritrattazzjoni ma saretx fi zmien tliet xhur mill-gurnata li fiha l-attur sar jaf bis-sentenza, u dana a tenur ta' l-Artikolu 818 (1) sub-inciz (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi subordinatament, fil-meritu t-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, dik li c-citazzjoni ma gietxipprezentata fit-terminu ta' tliet xhur, giet irtirata permezz tal-verbal tas-26 ta' Ottubru, 2005 [fol. 36] u ghalhekk fadal biss il-kwistjoni tal-meritu illi din il-Qorti issa sejra tittratta.

Permezz ta' decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-26 ta' Settembru, 2000, fl-atti ta' l-Avviz Numru 330/00 fl-ismijiet "Citadel Insurance p.l.c. vs Joseph Cassar Aveta", l-Qorti kkundannat lil Joseph Cassar Aveta li jhallas lil Citadel Insurance is-somma ta' tliet mija u erbatax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm314.16) rapprezentanti prezz ta' premia dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tieghu.

L-attur odjern, Joseph Cassar Aveta jghid illi din il-kawza ma gietx regolarment notifikata lilu u ghalhekk qed jitlob ir-ritrattazzjoni taghha. F'din il-parti tal-proceduri pero', l-Qorti sejra tezamina l-provi illi wasslu ghan-notifika jew nuqqas taghha ta' l-attur u safejn tista' jew ma tistax tordna r-ritrattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-pustier, Colin Mangion, ikkonsenja l-att tal-Qorti f'x'indirizz tas-Sliema, zgur mhux dak indikat fil-*pink card* [fol. 11] u cioe' 'The Avetas' Triq il-Qantar, ta' l-Ibragg, peress illi hemm, ta' l-Ibragg, qatt ma qassam ittri. Spjega illi ilu sittax-il sena jahdem mall-Maltapost bhala pustier, jaghraf il-firma tieghu fuq il-*pink card* kif ukoll in-numru ta' l-Identity Card tieghu. Id-data tal-konsenja kienet l-24 ta' Marzu, 2000 u l-kliem 'Cassar Aveta' kitibhom hu. In-numru tal-karta ta' l-identita l-ohra kitibha min ircievha l-ittra, jew ha konsenja ta' l-att, izda rega' assigura l-Qorti illi zgur li dak l-att gie mqassam f'x'indirizz tas-Sliema, ghad illi ma setax jiftakar id-dettalji ta' tali notifika.

L-attur Joseph Cassar Aveta [fol. 37] spjega illi huwa baqa' joqghod fil-fond indikat 'The Avetas', Triq il-Qanta, ta' l-Ibragg sa l-1999, ma jafx ta' minhu n-numru tal-karta ta' identita' fuq il-*pink card* u cioe' 439921M. Zgur illi din il-persuna llum ghandha hamsa u tmenin (85) sena u m'hemm hadd fil-familja illi ghandha dik l-eta. Joseph Cassar Aveta dahal fil-post gdid f'Marzu tas-sena 2000, u bejn Dicembru, 1999 meta biegh il-post indikat u Marzu, 2000 meta dahal fil-post il-gdid, u cioe', Triq Habb il-Qamh, Swieqi, kera post is-Swieqi.

Is-socjeta' konvenuta pproduciet dokumenti minfejn jirrizulta illi n-numru tal-karta ta' identita' 439921M huwa ta' certa Stella Dimech, illi toqghod fil-fond 22, Triq San Publiju, Tas-Sliema. Fl-istess fond joqghod ukoll Emanuel Dimech, li huwa segretarju ta' kumpanija 'Casetas Investment Limited', li hija registrata fi Triq il-Qantar, Swieqi, ta' liema kumpanija, l-attur Joseph Cassar Aveta huwa direttur, bl-indirizz moghti: Triq Habb il-Qamh, Swieqi.

Waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-avukat ta' l-attur spjega illi Stella Dimech tigi omm il-mara ta' l-attur Joseph Cassar Aveta.

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura tan-notifika tista' ssir b'zewg modi partikolari, jew fir-residenza ta' dak li jkun, fejn tista' tithalla ma' membru tal-familja illi ghandu aktar minn erbatax-il sena jew inkella personalment fuq il-post tax-xoghol. L-iskop tan-notifika huwa li l-Qorti jkollha l-assikurazzjoni li min jigi mharrek biex jidher quddiemha, jkun jaf ghal x'hiex kien gie mharrek u jkun f'posizzjoni illi jekk irid, iwiegeb ghat-talba ta' min harrku. Filwaqt illi huwa mportanti illi l-Qorti jkollha prova konklussiva illi l-persuna tkun validament notifikata, din il-prova tista' ssir b'diversi modi u mhux bilfors li d-dettami tal-ligi jigu skrupolozament osservati.

Kif qalet il-kawza fl-ismijiet Alfred Cachia noe vs Salvino Sullivan et noe, (Vol. LXXI P2 p303) deciza fis-27 ta' April, 1987 l-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi interalia li kopja ta' l-iskrittura tithalla f'idejn membru tal-familja tal-persuna li trid tigi notifikata fil-lok fejn joqghod u ta' natura generika u huwa ntiz biex ikopri l-kaz ta' notifika sia tal-persuna fizika sia tal-persuna morali.

Irrizulta illi fiz-zmien li gie notifikat l-att, Joseph Cassar Aveta ma kellux residenza fissa peress illi kien qieghed fil-fazi ta' traslog minn post ghall-iehor u ghalhekk, l-ispjegazzjoni tal-pustier Colin Mangion, illi probabbilment saret *change of address*, hija wahda plawsibbli. Colin Mangion zgur illi ma qassamx l-att ta' l-Ibragg u dan tqassam f'post tas-Sliema. Ir-ricevitur Stella Dimech ghandha parentela ma' Joseph Cassar Aveta u jaghmel sens illi fiz-zmien tat-traslog, meta sar *change of address*, il-korrispondenza tmur fl-indirizz registrat ta' kumpanija illi taghha Joseph Cassar Aveta huwa wkoll direttur.

Ghalhekk, l-indikazzjonijiet kollha huma, illi fiz-zmien it-traslog Joseph Cassar Aveta ghamel *change of address* ghall-fond 22, Triq San Publiju, Tas-Sliema, fejn allura beda jircievi l-korrispondenza li originarjament kienet tkun indirizzata fil-fond 'The Avetas', Triq il-Qantar, ta' l-Ibragg. Dan kien arrangament illi ghamel hu, fejn allura kien jinkombi fuqu illi jassikura li dan l-arrangament jiffunzjona.

Fil-kawza Carmelo Aquilina vs Lawrence Ciantar (Vol. LXXVI P4 p666) deciza fis-27 ta' April, 1992 inghad, " … li kien dover ta' l-attur li kien jaf b'dan l-arrangament li jiehu hsieb jigbor l-ittri li jaslulu u jara li ma jintilfux fost karti ohra. Jekk dan id-dover l-attur ma qdiehx, isegwi li l-izball jew il-kolpa ikun b'xi mod attribwibbli ghall-istess attur."

Dan il-hsieb gie segwit fil-kawza fl-ismijiet SN Properties Limited vs Joseph Sammut et deciza mill-Qorti tal-Magistrati fil-11 ta' Ottubru, 1999 [Avviz 1325/98], fejn intqal, "Illi fil-fehma ta-Qorti, l-akbar fatt importanti ghal din iil-kawza hi li George Portelli bhala direttur ta' SN Properties Limited kien jaf u ta l-kunsens tieghu sabiex atti ndirizzati lill-kumpanija jigu notifikati fir-residenza privata tieghu. Dan ipoggi oneru fuqu li jassigura li jigi a konoxxenza ta' dawn l-atti u l-mod li jaghmilha hi affari tieghu. Jekk ghal xi raguni s-sistema ma tiffunzjpnax, ma jistax jinheba wara skuzi opportunistici biex jahrab mir-resaponsabbiltajiet tieghu."

F'dan il-kaz, quindi, ladarba l-probbabbilta kbira hi li kien l-istess attur illi huwa applika u ordna li ssir *change of address*, allura kien jinkombi fuqu l-oneru li jassigura li jigi a konoxxenza ta' atti illi jigu notifikati f'indirizz li huwa stess ikun indika. Dak l-indirizz, allura jakkwista l-istess titolu bhala residenza ordinarja tieghu u kwalunkwe membru tal-familja tieghu jista' jircievi att li jkun gie mibghut f'dak l-indirizz.

Stella Dimech, bhala omm il-mara ta' l-attur, hija membru tal-famija tieghu u ghalhekk, setghet validament tircievi atti ghan-nom ta' l-istess attur, u ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li t-talba ta' ritrattazzjoni hija skuza opportunistika biex l-attur jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu.

Ghalhekk, filwaqt li tiddikjara illi l-Avviz Numru 330/00 SM fl-ismijiet "Citadel Insurance p.l.c. vs Joseph Cassar Aveta" deciz fis-26 ta' Settembru, 2000 gie notifikat skond il-ligi u ma hemmx lok ghar-ritrattazzjoni ai termini tas-subinciz (b) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad l-ewwel talba ta' l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur."

L-appell introdott mill-attur fil-kontestazzjoni tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti, li cahditlu t-talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq is-subinciz (b) ta' l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12, hu cirkoskritt ghas-segwenti aggravji:-

(1) L-ewwel Qorti ma messhiex irrifjutat t-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza in kwantu b' hekk ma tatux l-opportunita` li jirribatti l-provi tas-socjeta` konvenuta;
(2) Fil-mertu, gjaladarba mill-*pink slip* irrizultaw kontradizzjonijiet, ukoll ammessi mill-pustier inkarigat min-notifika ta' l-att, dan kellu jwassal ghal dikjarazzjoni tan-nullita tar-riferta;
(3) Ankorke l-att gie notifikat lil Stella Dimech dan ma kienx jissodisfa r-rekwiziti tal-ligi billi din qatt ma kienet membru tal-familja tieghu u ma kienetx tabita flimkien mieghu bhala l-persuna destinatarja tan-notifika. Inoltre, l-argoment dedott mill-Qorti tal-validita` tan-notifika hu bazat fuq supposizzjoni erronea u mhux ippruvata li seta' kien hemm "*change of address*";

Fermi dawn l-aggravji, hu kompitu ta' din il-Qorti li tghaddi ghad-deliberazzjoni taghhom anke jekk mhux necessarjament fl-istess ordni li tqajmu;

Jirrizulta bhala fatt illi l-appellanti ma kienx deher fil-kawza fl-ismijiet invertiti (Avviz Numru 330/00/SM) deciza fis-26 ta' Settembru 2000, sabiex iwiegeb ghal kapitoli li sarulu mis-socjeta` konvenuta odjerna. Huwa jallega li dan ma ghamlux ghaliex ma kienx notifikat kif suppost bl-att ta' l-avviz promotur. L-appellanti jibbaza din il-kawzali fuq ir-ragunijiet illi l-*pink card* tal-pustier tindika numru ta' l-identita` li ma jikkorrispondi ghall-ebda persuna bil-kunjom "Cassar Aveta" u, inoltre, l-indirizz muri fiha ma kienx ghadu hekk okkupat minnu fiz-zmien li saret ir-riferta. Dawn ir-ragunijiet gew ikkunsidrati fis-sentenza appellata pero` b' mod sfavorevoli ghall-appellanti. Issa l-aggravji

tieghu f’ din l-istanza huma proprju fis-sens illi dik il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti kienet zbaljata, kemm ghal motiv li, kif irrizulta, l-*pink card* kien fiha kontradizzjonijiet kif ukoll ghaliex, f’ kull kaz, in-notifika li saret lil persuna konsenjatarja b’ dak l-*identity card number* indikat fiha ma tistax tikkwalifika bhala notifika valida fit-termini tal-ligi;

Huwa evidentement distingwibbli min-natura tal-kawza tar-ritrattazzjoni illi l-appellanti qieghed jirrikollega ruhu ghad-dispost ta’ l-Artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12 riferibbli ghal mod kif ghandhom isiru n-notifiki ta’ l-atti jew skritturi;

A prima vista l-imsemmi artikolu donnu jipprovdi successjoni preferenzjali tal-postijiet fejn ghandha ssir in-notifika. Hekk una volta n-notifika ma tkunx thalliet personalment f’ idejn il-persuna notifikanda din ghandha tigi ezegwita “fil-lok fejn toqghod jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali”. Din l-alternattiva provvduta mil-ligi tirrendi indifferenti il-mod tan-notifika. L-importanti hu li n-notifika ssir lil persuna destinatarja f’ xi wiehed mill-imsemmija lokalitajiet. Jekk imbaghad il-persuna notifikanda ma tkunx tinstab prezenti f’ xi wiehed minnhom, il-pustier jew l-ufficjal inkarigat tal-Qorti jista’ jikkonsenja l-kopja ta’ l-att lil persuna ohra skond kif stabbilit fid-dispost tal-ligi, jigifieri, “f’ idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f’ idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna jew f’ idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.” Ghal fini tal-validita` tan-notifikazzjoni tal-konsenja ta’ l-att lil persuna diversa mid-destinatarju huwa essenzjali li l-persuna nkarigata mit-tqassim ta’ l-att tattesta, permezz ta’ dikjarazzjonijiet idoneji, il-persuna li lilha gie konsenjat l-att in kwantu dan hu servjenti ghall-prova li d-destinatarju jkun irceva l-att. Naturalment, ma huwiex necessarju ssir l-indikazzjoni tal-kwalifika tal-persuna li tircievi l-att meta hu possibbli li, *ex post* in-notifika, jigi accertat in-natura tar-rapport taghha man-notifikand;

Dan premess, minn qari tax-xhieda tal-pustier Colin Mangion (fol. 51) li fuqha maggorment strahet l-ewwel Qorti jirrizulta bla ebda dubju illi l-*pink card* (kopja taghha esebita a fol. 11) fiha certi nkorrettezzi fir-redazzjoni taghha. Huwa pero` nferibbli minn din l-istess xhieda illi l-oggett postali tqassam f' residenza f' tas-Sliema lil persuna bil-Karta ta' l-Identita` Numru 439921(M) li wara rrizulta li kien korrispondenti ghal Stella Dimech, imparentata ma' mart l-appellant. Incidentalment, f' dan l-indirizz ta' tas-Sliema, jirrisjedi ukoll Emanuel Dimech li, kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Dr. Edmond Zammit Laferla ghas-socjeta` konvenuta, huwa segretarju ta' kumpanija li taghha l-appellanti huwa direttur u azzjonista. Fuq l-istregwa tax-xhieda tal-pustier l-ewwel Qorti kienet konvinta li gjaldarba l-appellanti kien fil-fazi tat-traslog mill-post tieghu fl-Ibragg ghal fond residenzjali iehor, dik in-notifika ta' l-att fil-fond ta' tas-Sliema saret, fuq bazi ta' probabilita` kbira, l-ghaliex kien hemm "*change of address*" u l-posta destinata lill-appellanti ridiretta ghall-fond ta' tas-Sliema fuq istruzzjonijiet ta' l-istess appellanti;

In-notifika f' idejn min hu indikat li jiricevi l-posta f' dawk ic-cirkustanzi hi, f' konkorrenza ma' dawk l-ohra superjorment indikati, wahda mill-modi li permezz tieghu n-notifika tista' tigi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbaghat fil-lok iddezinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali ghan-notifikazzjoni validament ezegwita. B' dan il-mod l-Artikolu 187 (1) precitat johloq il-presunzjoni *iuris tantum* illi n-notifikand hu xjenti mill-att ta' l-avviz notifikat lilu ghall-instawrar tar-rapport processwali. Dan igib li jinkombi fuq id-destinatarju ta' l-att l-oneru li jipprova li hu ma rceviex l-att. Jinsab ritenut, in fatti, fis-sentenza fl-ismijiet "**Alessandro Delhin -vs- Antonio Darmanin et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Novembru 1927 illi "*atteso che, per quanto sia vero in diritto essere ammissibile la presunzione 'omnia rite et recte facta esse' e doversi aggiustar fede agli ufficiali in cio che si attiene alla esplicazione del proprio ufficio, tali presunzioni pero, esendo della specie della 'juris tantum', possono combattersi colla prova contraria e, per restare in*

*argomento di riferta di usciere, senza la necessita` di querela di falso*". Tali prova kuntrarja tista' tigi dezunta minn kwalsiasi fonti ta' konvinciment. Fil-fehma ponderata tal-Qorti prova bhal din ta' xi notifika irritwali ma ngiebetx mill-appellanti u hu inutili li jipprova jappilja ma' l-inezattezzi fuq il-*pink card* meta huwa indikattiv mill-valutazzjoni komplessiva tal-provi illi hu ferm probabbli li n-notifika saret fil-post ta' tas-Sliema ghax hekk kien dirett minnu li jsir fil-perijodu intermittenti tat-traslog;

Jikkonsegwi illi huwa wkoll inutili illi l-appellanti jsostni l-argoment li Stella Dimech mhix membru tal-familja tieghu u ma kienetx tabita flimkien mieghu. Ibda biex, membri tal-familja abilitati li jircievu l-iskritturi ma jikkomprendux biss il-komponenti stretti tan-nukleju familjari imma anke parenti ohra jew affini u dik l-ezistenza tal-vinkolu ta' parentela li tiggustifika l-presunzjoni tal-konsenja ta' l-att lid-destinatarju nnifsu. Barra minn dan il-provvediment tal-ligi ma jippostulax bilfors il-konvivenza tal-familjarji mad-destinatarju. F' kull kaz, il-ligi stess tipprovdi li n-notifika tista' ssir ukoll "lil persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha" u allura mhux mehtieg lanqas li din tkun membru tal-familja ta' l-appellanti jew konviventi mieghu. Bizzejjed ir-rapport ta' fiducja u ta' dak id-dover guridiku versu d-destinatarju mill-konsenjatarju tal-posta, konsegwenti ghall-avvennuta accettazzjoni tal-konsenji postali li jsirulu;

Dan iwassal ghall-ezami ta' l-ewwel aggravju dedott. Ma jistax ikun disputat illi t-tmexxija tal-kawzi u tal-provi hu mholli fid-diskrezzjoni u l-ghaqal prudenzjali tal-gudikant, b' dan li hu mistenni dejjem li kull gudikant ghandu jirrispetta r-regola fondamentali li kull parti ghandu jkollha l-opportunita li ggib il-prova taghha u taghmel l-osservazzjonijiet li jidhrilha xierqa. F' dan il-kaz din il-Qorti ma tarax li tezisti gustifikazzjoni plawsibbli ghall-ilment ta' l-appellanti. Huwa nghata kull opportunita li jgib 'il quddiem il-provi tieghu u jaghmel is-sottomissjonijiet okkorrenti. Il-fatt li l-ewwel Qorti cahditlu t-talba tieghu li jgib provi ulterjuri wara dawk tas-socjeta konvenuta ma

jistax remotament jigi tradott jew insinwat illi b' hekk hu gie imfixkel jew impedut milli jistabilixxi l-verita` tal-fatti. Intqal sewwa mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha in re: "**Teddy Spiteri *et* -vs- Catherine Muscat *et***", 6 ta' Ottubru 2000, (fejn, incidentalment ukoll qamet lanjanza tac-cahda ta' talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza mill-ewwel Qorti) illi "hi wkoll zbaljata s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-principju *audi alteram partem* kien wiehed li jittraxxendi r-regoli ta' procedura mahsuba biex jorganizzaw il-process gudizzjarju u li l-Qrati u l-partijiet (sottolinjar tal-Qorti) kienu tenuti u obbligati li josservaw. Indubbjament anke fl-applikazzjoni ta' dan il-principju bazilari ta' dritt kellhom jigu osservati l-interessi supremi tal-gustizzja kif ukoll id-drittijiet tal-kontro-parti li kienu jesigu illi s-smigh ta' kawza jkun regolat skond kif tidderegi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali". Kull kumment agguntiv ghal din l-enuncjazzjoni ma jistax ma jkunx superfluwu.

Ghall-motivi kollha premessi u dawk l-ohra dedotti mill-ewwel Qorti, l-appell qed jigi michud fil-kapi kollha ta' l-aggravji tieghu u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------